# TAQBIL
## FOLKLORISTIKU
# F'BORMLA

## IT-TIELET PARTI

Angelo Dougall

**Kont ktibt fuq il-folklor Bormliż tat-Taqbil u kif kien isir (ara l-Imnara Nru 29, 2005, paġna 70, u l-Imnara Nru. 30, 2006). Waqt li fl-Imnara Nru. 29 kont semmejt it-taqbila "d-Dar", din kont ħallejtha barra għax daqsxejn twila. Kelli nkun fl-Istati Uniti tal-Amerka biex niġbor dan il-folklor Malti li kien għoddu ntilef – f'Detroit, Michigan, fejn kelli x-xorti niltaqa' ma' Mikiel Agius, Bormliż, u ġbart minn għandu dawn it-taqbiliet folkloristiċi mill-ħafna li kien jaf, u li kien tgħallem fi ħdan ommu. Kull meta kien ifettillu, u kull meta kien jiftakar f'xi taqbila kien jgħidhieli, u jien, bis-sabar kollu kont innizżel dak kollu li jiftakar u jqabbel.**

Bormla, kienet fil-qiegħa tal-post li kien jissejjaħ "il-Mandra", art mifqugħa bl-ilmijiet li kienu jinżlu mill-għoljiet li jħaddnuha, u b'widien iħaddru bl-għelieqi li kienu jżejnu l-madwar tal-ibliet tal-Kottonera. Ħafna nies minn tal-kampanja u mill-irħula kienu jmorru lejn is-swieq armati hemm, u kien isir ħafna għana u taqbil illi fih kienu jitwieldu u jitrawmu u jsibu l-isfog tagħhom fost il-miġemgħa tan-nies, ġottitotli, postijiet ta' manifattura, u postijiet ta' divertiment.

Meta wieħed ikun żgħir fl-eta' jitgħallem ħafna, u jibqa' jiftakar ħafna. F'Bormla kien isir ħafna għana u taqbil, imma minħabba l-qerda tal-gwerra (1939-1945) u t-tferrix ta' nies mill-Kottonera, speċjalment bl-emigrazzjoni li bdiet bil-qawwa wara l-gwerra, nqered ħafna folklor.

### IT-TAQBILA "ID-DAR"

Din it-taqbila kien qalhieli fl-1971 Mikiel Agius, Bormliż, u kienet titqabbel bejn ommu u oħtha. Anke jekk ma kinux jaħdmu bħala barrama, n-nisa tad-dar kienu jħobbu jqabblu bejniethom:

**1. Ħabbata mhix qanpiena,**
**Ħolqa mhix ġummiena,**
**Għatba mhix il-bieb,**
**U "tal-familja" m'humiex "il-ħbieb".**

**2. In-Numru mhux il-faċċata,**
**Tarġa mhix intrata,**
**Qarib m'huwiex il-ġar,**
**U kerrejja m'hijiex dar.**

**3. Barumbara m'hix turretta,**
**Muftieħ m'huwiex ċavetta,**
**Setaħ m'hux parapett,**
**U sokra mhix lukkett.**

**4. Bankina m'hijiex strada,**
**Xatba m'hijiex grada,**
**Madum m'huwiex injam,**
**U art tal-franka mhix irħam.**

**5. Koxxa mhix zukkiatura,**
**Bastun m'huwiex burdura,**
**Żebgħa mhix tibjid,**
**U tiswija mhix tiġdid.**

**6. Tieqa mhix persjana,**
**Raġġ mhux indana,**
**Taraġ m'huwiex garigor,**
**U ftila mhix ċimblor.**

**7. Boxxla mhix antiporta,**
**Ċinta mhix opramorta,**
**Saqaf mhux suffett,**
**U bejt mhux fuq nett.**

**8. Gwardarobba mhix vetrina,**
**Gradenza mhix kommodina,**
**Friskatur mhux lavaman,**
**U kannape' m'huwiex sufan.**

**9. Paraventu mhux purtiera,**
**Pożambrella mhix spalliera,**
**Bagalja m'hijiex senduq,**
**U sular t'isfel m'huwiex ta' fuq.**

**10. Sodda mhix kruċċetta,**
**Mera mhix twaletta,**
**Garżella mhix kexxun,**
**U ċinglu mhux kurdun.**

**11. Kurtinaġġ mhux ċelu,**
**Filoxx mhux velu,**
**Strippa m'hijiex sieq,**
**U skossi m'humiex żaqżiq.**

**12. Imħadda mhix kuxxina,**
**Għażel mhux kotnina,**
**Kutra mhix liżar,**
**U tastiera mhix id-dahar.**

**13. Siġġu mhux banketta,**
**Tvalja mhix sarvetta,**
**Paljazza mhix xugaman,**
**U manku mhux poġġaman.**

**14. Kamra tal-pranzu m'hijiex kċina,**
**Sala mhix kantina,**
**Linfa mhix rużun,**
**U tużel mhux pavaljun.**

**15. Arblu mhux bandiera,**
**Bir m'huwiex spiera,**
**Tarjola mhix rampil,**
**U bettija mhix barmil.**

**16. Broxk m'huwiex skupilja,**
**Sprall m'huwiex gradilja,**
**Suf m'huwiex xagħar,**
**U daħna m'hijiex fwar.**

**17. Miżien m'huwiex stasija,**
**Ċoqqa mhix kunfratija,**
**Fantażma mhix Gawgaw,**
**U ruħ m'hijiex babaw.**

**18. San Girgor m'huwiex xalata,**
**Purċissjoni mhix parata,**
**Kamoxxa mhix bellus,**
**U meżżewwġ mhux għarus.**

**19. Pożaplatti mhix xtilliera,**
**Forn mhux kuċiniera,**
**Il-qadim m'huwiex ġdid,**
**U l-kerrej m'huwiex is-sid.**

**20. Veranda mhix gallarija,**
**Kuritur m'huwiex mogħdija,**
**Bitħa mhix ġardin,**
**U loġġa mhix terrazzin.**

21. Fajjenza mhix għamara,
Musbieħ m'huwiex imnara,
Gandilabru mhux gandlier,
U brazz m'huwiex lampier.

22. Tubu m'huwiex lampa,
Teptipa m'hijiex vampa,
Niċċa mhix artal,
U bozza mhix fanal.

23. Gabarre' m'huwiex turtiera,
Skutella mhix suppiera,
Pranzu mhux bankett,
U l-imfarrad m'huwiex sett.

24. Konka mhix qasrija,
Ħama mhux ħamrija,
Ġebla mhix ċangun,
U ġiebja mhix ġibjun.

25. Qoffa mhix bixkilla,
Mehries m'huwiex mejjilla,
Bieqja m'hijiex bott,
U kartell mhux patalott.

26. Ġiżirana mhix misluta,
Kuntenta mhix paxxuta,
Pavri m'humiex kmiem,
U wara mhux quddiem.

27. Dendula mhix xinxilla,
Rakkmu mhux bizzilla,
Imb'wiċċ mhux biswit,
U ftuq mhux tiżrit.

28. Rukkell m'hux bubina,
Imsella mhix ċumbina,
Trajbu mhux tanbur,
U xall mhux maktur.

29. Lazz mhux żigarella,
Kobba mhix marella,
Għoqda mhix irbit,
U tal-ġabra mhux tat-tilqit.

30. Perpura mhix ċarruta,
Brimba mhix għanqbuta,
Tiġriba m'hijiiex tixlil,
U hjata mhix tifsil.

31. Ħarir mhux musulina,
Ħġieġ m'huwiex kina,
Anell mhux ċurkett,
U kamrin mhux kabinett.

32. Tron m'huwiex pultruna,
Taġen m'huwiex sjuna,
Bomblu mhux buqar,
U mejda mhix fuklar.

33. Xemgħa mhix kandiletta,
Buttuna mhix aċċetta,
Traqqigħ m'huwiex sarsir,
U biċċa tal-art mhix tat-tfarfir.

34. Buġija mhix lumina,
Imgħarfa mhix kuċċarina,
Pagna mhix tigan,
U mezzanin mhux terran.

35. Granspinal mhux antaċċola,
Borma mhix kazzola,
Damiġġana mhix flixkun.
U ġardiniera mhix vażun.

36. Għonnella mhix ċulqana,
Ħannieqa mhix kullana,
Post mistkerrah mhux żdingat,
U ħares mhux fatat.

37. Kawwara mhix kavetta,
Tarbux m'huwiex ċinetta,
Guva mhix gallinar,
U lanżit m'huwiex ġummar.

38. Qatgħa mhix twerwira,
Ġlieda mhix tgħajjira,
Sikkina m'hijiex mus,
U min jgħannaq le ma jbus.

39. Giekk mhux sidrija,
Faxxa mhix mustaxija,
Ċinga mhix ċintorin,
U l-irqiq m'huwiex smin.

40. Wiżgħa mhix gremxula,
Għadsa mhix felula,
Għattuqa mhix serduq,
U min jimxi mhux isuq.

41. Luna mhix inċirata,
Gverta m'hijiex għata,
Ħasira mhix tapit,
U għoqda mhix irbit.
(Imma jsiru protesti dwar dan l-aħħar vers għax diġa' ntqal qabel, Allura xi barrama kienu jissuġġerixxu xi kelma oħra li taqbel – "U ħafna m'huwiex ftit")

42. Kinsa mhix tindifa,
Ħasla mhix ċafċifa,
Ragħwa mhix sapun,
U banju mhux kaldarun.

43. Tlaħliħa mhix tisfija,
Tinja mhix mogħdija,
Tixriba mhix tagħsir,
U tperriċ mhux inxir.

44. Ħawt ma hux lembija,
Skiet mhux frattarija,
Indafa mhix tiżjin,
U l-ordinarju m'huwiex fin.

45. Bexxa mhix tisqija,
Samta mhix togħlija,
Ċar m'huwiex skur,
U jagħli mhux ifur.

46. Sellum m'huwiex staffa,
Raff m'huwiex xkaffa,
Kaxxaforti mhix kaxxarizz,
U stanga mhix seratizz.

47. Velestrun mhux rewwieħa,
Intiena m'hijiex riħa,
Gondlu m'huwiex važ,
U fessej m'huwiex bassas!
(Hawnhekk jinqalgħu ħafna protesti sabiex it-taqbil jinżamm nadif. Jippruvaw il-barrama jsibu kliem ta' taqbil, u l-qabbiela tgħid: "U travu m'hux pastaż".

48. Nitfa mhix niskata,
Kera mhix miżata,
Kamra laterali mhix salott,
U katusa mhix gandott.

49. Mina mhix arkata,
Ħnejja m'hijiex biata,
Tinda mhix tamboċċ,
U ventilatur m'huwiex loġġ.

50. Gorboġ m'huwiex gabuba,
Romblu mhux lembuba,
Ganċ mhux granpun,
U msella mhix splengun.

51. Serrieq m'huwiex mannara,
Garża mhix tajjara,
Imxarrab mhux mismut,
U żennuna mhix lembut.

52. Nemusa mhix dubbiena,
Ġurdien m'huwiex wirdiena,
Kelb mhux qattus,
U żibeġ m'humiex redus.

53. Baqqa mhix qurdiena,
Nieqa mhix benniena,
Saqqu mhux strapontin,
U pranzu mhux festin.

54. Zukkariera mhix zalliera,
Kenur mhux spiritiera,
Xiwi mhux tisjir,
U xaħam mhux butir.

55. Harqa mhlx flaqlja,
MaghmudlJa mhlx quċċlja,
Skufja mhlx kappun,
U lima fiatai mhux mlahun.

56. Dlalja mhlx kannlzzata,
Ċoff mhux Ingravata,
Fardai mhux vavalor,
U trabuxu' m'huwlex tlmplor.

57. Żwleġ mhux gheruslja,
Dota mhlx bjankerlja,
Tfarflra mhlx toghrtk,
U bhura mhlx tberlk.

58. Qafas mhux gabjetta,
Stanga mhlx ganġetta,
Ghattuqa mhlx sarduq,
U min Inaqqar la ma Jduq.

# IL-LEĠĠENDA TAL-IMPUXI F'BORMLA

Angelo Dougall

XI snln llu kont smajt leggenda fBormla II ftIt tassew huma dawk II donnhom semghu blha. Se nlrrakkuntaha klf kont smajtha mlnn ghand patri xlh Tereżjan fIl-kunvent taghhom ta[1] Santa Tarata fBormla u qrlb Il-kamra fejn kien gara l-kat tal-Imsejken "Impuxi", II klen strangulat, Jew fgat, mill-ldejn goffi tal-manigoldi, pullkarji. tblrrt, u paladini *{bodyguards)* tal-Gran mastru nnlfsu ta' dak It-tmlen. Dawn kellhom arja wlsq kblra waqt II kienu Jkunu jakkumpanjaw IlIl-Granmastru.

Klen x'kien dan l-lmpuxi ma nafx, u lanqas naf x'kien ghamel biex mar jistkenn fl-immunita' tal-knisja u tal-kunvent ta' Santa Tereża. Mid-dehra, kien bnledem ahrax u mqareb; Imma suppost li kemm il-knisja u kemm il-kunvent kienu jgawdu "l-immunita' ekkleżjastika".

Żmien ilu (daqs tliet mitt sena u fuqhom sewwa), il-ġnien tat-Tereżjani fBormta kien akbar, u fih kien hemm belveder li kien Shares fuq dik id-dahla ta' ba*ħ*ar ta' bejn il-Maċina fl-Isla, u l-Birgu, nghidu ahna fejn Ilium hemm l-istatwa ta' Sant Elija. Minn dak il-belveder il-patrijiet kienu jistghu jitghaxxqu fis-skiet b'dik il-panorama majestuża

IL-LEĠĠENDA

Mela darba wahda l-Gran Mastru, imdawwar bil-paġġi, kavallieri, paladini, żbirri, eċċetra eċċetra kien g*ħ*addej mal-moli fi triqtu lejn ìl-Birgu, meta dan l-Impuxi (forsi laqmu tnissel mill-kelma "nìbex"?) telaq b'giqa ghalI-belveder u minn hemm beda jag*ħ*ti xebgha tg*ħ*ajjir ill-Granmastru, lill-kavallieri, u lI-dawk koliha li kien hemm madwaru. Il-Granmastnj u l-kavallierì ma felhux ghal dik ix-xebgha tghajjir u nsulti, u xi kavallieri u paladini marru b'rabja u furja fuqhom, sfrundaw il-bieb tal-kunvent, dahlu ghalih ikissru, u addio Mmmunita'. Sabuh, lill-Imsejken Impuxi, jistahba fil-kamra tieghu, u wara li sfrakassawh bid-daqqiet u x-xebgha li tawh, safa minnhom strangulat (fgat) mill-idejn goffi tal-paladini. L-lmpuxi ġie maqtul fil-post. Il-kamra ghadha sallum maghrufa bhala l-kamra tal-Impuxi; l-ewwel kamra fuq il-lemin int u tiela' t-taraġ ghall-kunvent.

Naturalment, saru wara hafna protesti, appelli u kontrappelli, u sahansitra l-każ wasal Ruma g*ħ*and ìl-Papa; ... imma daqshekk naf! U naf biss li kont inkun ghaddej fil-qrìb ta' dik il-kamra u kont inhoss bhal tkexkix niftakar fdik il-ġrajja kiefra u Vjolenti.

© Angelo Dougall

Il-kunvent ta' Santa Tereta fBormla